# FTAKAR

JEKK it-tbissîm ta' mħabba
jitbiegħed minn xofftejk,
wid-dawl tat-tama w-l-hena
jinħeba minn għajnejk;

u f'qalbek tagħfas kesħa
ta' diq mudlami w-tqil:
ftakar fil-ward ta' Mejju,
tinsiex ix-xemx t'April.

U jekk il-ward u l-għana
jidwielek ġewwa r-ruħ—
tisma' kull warda tgħanni
u tħoss kull għanja tfuħ;

u xofftok tinsa 'l-qrusa
wil-kemxa ta' l-imrar:
jiġi, tinsiex, Diċembru,
jiġi t-tnehid ta' Frâr.

Għasfur itir lejn bejtu,
Wil-ħajja lejn l-imwiet;
Il-ferħ ibus in-niket,
wil-għana jbus is-skiet.

Jekk, iżda, ttîr xbubîtek,
u ġewwa l-lejl hi tmur,
hi tinsa 'l-bejta mwarrba,
u lê ma taf iddur.

J. P. Vassallo

*Nifirħu lil dan l-istudent talli ġie magħżul biex imur jissokta l-istudji tiegħu fl-Università ta' Oxford.*